**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-isport u l-valuri Ewropej"**

**(Opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2015/C 383/03)

**Relatur: is-Sur Bernardo HERNÁNDEZ BATALLER**

Nhar l-10 ta' Lulju 2014, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29 (2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

*L-isport u l-valuri Ewropej*

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar is-17 ta' Ġunju 2015.

Matul il-509 sessjoni plenarja tiegħu li saret fl-1 u t-2 ta' Lulju 2015 (seduta tat-2 ta' Lulju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'99 vot favur, 59 vot kontra u 32 astensjoni.

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. L-isport jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet strateġiċi tal-Unjoni, billi huwa jenfasizza l-valuri pedogaġiċi u kulturali fundamentali u huwa mezz ta' integrazzjoni ladarba huwa jindirizza liċ-ċittadini kollha, indipendentement mis-sess, l-oriġini etnika, ir-reliġjon, l-età, in-nazzjonalità u l-kundizzjoni soċjali jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom. L-isport huwa strument li jservi sabiex jiġu miġġielda l-intolleranza, il-ksenofobija u r-razziżmu.

1.2. L-attivitajiet sportivi jippermettu lil kull persuna tiddeterieġi t-tamiet tagħha b'mod kostruttiv, u li tiġi arrikkita bil-valuri li jagħti l-isport bħall-isforz, is-solidarjetà u l-koeżjoni. Attivitajiet bħal dawn iġibu wkoll il-benessri fiżiku u intellettwali filwaqt li jgħinu jtaffu l-problemi soċjali billi jipprovdu valuri pożittivi. F'dan ir-rigward huwa meqjus importanti li fid-diskussjoni jiġi indirizzat ukoll l-istabbiliment ta' għadd ta' standards minimi universali li jippromovu l-integrità tal-prattika tal-isport mit-tfal u ż-żgħażagħ fl-ispeċjalitajiet sportivi kolha.

1.3. Il-volontarjat fil-qasam tal-isport għandu rwol ewlieni x'jaqdi fl-iżvilupp tal-isport bażiku u fil-klabbs, u dan jinvolvi valur sinifikanti minn perspettiva soċjali, ekonomika u demokratika; għalhekk, għandhom jiġu promossi l-volontarjat u ċ-ċittadinanza attiva permezz tal-isport, inkluż l-isport tax-xitwa.

1.4. Il-prinċipju ta' governanza u ġestjoni tajba għandhom jiżguraw l-integrità fil-kompetizzjonijiet sportivi. Fl-isport, l-awtonomija hija kundizzjoni għall-organizzazzjonijiet sportivi li għandhom jaġixxu skont il-prinċipji tat-trasparenza, ir-responsabbiltà u d-demokrazija. Abbażi ta' dan, il-partijiet interessati kollha għandhom ikunu rappreżentati b'mod adegwat fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Sabiex jiġi kkonsolidat dan il-qafas ta' prevenzjoni ġenerali, u kif juri studju eżawrjenti li twettaq dan l-aħħar ([1]), huwa fundamentali li tissaħħaħ il-fiduċja bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-istituzzjonijiet sportivi sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju meħtieġ ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet legali nazzjonali u l-istituzzjonijiet sportivi internazzjonali.

1.5. Fir-rigward tal-innovazzjoni, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, f'kuntest Ewropew, ixerrdu l-informazzjoni u jaqsmu bejniethom informazzjoni dwar esperjenzi pożittivi u dwar l-aħjar prattiki marbutin mal-modi kif jistgħu jinħolqu u jiġu appoġġjati l-assoċjazzjonijiet strateġiċi bejn il-partijiet interessati ewlenin fis-setturi differenti bil-għan li jissaħħaħ ir-rwol tal-isport bħala mutur tal-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku. F'dan il-kuntest huwa importanti ħafna li wieħed ikun jaf jaħsad il-benefiċċji li l-organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi kbar tista' u għandha tagħti lir-reġjuni u l-bliet fejn dawn iseħħu; iqis li l-Kummissjoni għandha toqgħod attenta għall-inizjattivi u l-metodoloġiji ġodda li qegħdin joħorġu fil-livell globali li għandhom l-għan li jgħinu lir-reġjuni u lill-bliet jimplimentaw proġetti sportivi li jippromovu l-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli.

---

([1]) "Protecting the Integrity of Sport Competition The Last Bet for Modern Sport", pp. 120-124, Università ta' Pariġi 1 Panteon-Sorbonne u ċ-Ċentru Internazzjonali għas-Sigurtà tal-Isport (ICSS), Mejju 2014.

1.6. Fil-livell differenti għandu jiġi promoss l-użu tal-istrumenti ta' finanzjament tal-UE sabiex jiġi żviluppat is-settur tal-isport.

1.7. Fil-livell Ewropew għandhom jiġu promossi l-koeżjoni soċjali, il-miżuri għall-inklużjoni tal-gruppi żvantaġġati fl-attivitajiet sportivi u l-integrazzjoni soċjali tal-persuni, inklużi dawk imċaħħda mil-libertà, sabiex ikunu jistgħu jsibu fl-isport għodda għall-integrazzjoni mill-ġdid fis-soċjetà, peress li dan iwassal għall-benessri emozzjonali, u jipprovdi stabbiltà permezz tal-valuri tiegħu ta' sforz, solidarjetà u, fl-aħħar mill-aħħar, il-fair play, li jistgħu jgħinu biex jinqerdu għalkollox l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni.

1.8. Il-kompitu tal-UE fil-ġlieda kontra l-inugwaljanza huwa rilevanti sabiex jitneħħew l-ostakli li jimpedixxu lill-persuni b'diżabilità milli jieħdu sehem fl-isport, tiġi promossal-parteċipazzjoni tagħhom fil-kompetizzjonijiet u tinqered kull forma ta' preġudizzju soċjali f'dan ir-rigward. Għalhekk ikun utli li l-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill tal-Ministri jfassal "Kodiċi Ewropew ta' prattiki tajba dwar l-isport u l-inklużjoni soċjali" sabiex tiġi promossa u titħeġġeġ aktar il-prattika tal-isport fost il-persuni b'diżabbiltà.

1.9. Għandha tingħata attenzjoni speċjali mill-UE u l-Istati Membri għall-promozzjoni tal-isport u l-attività fiżika fost l-anzjani. F'Ewropa b'popolazzjoni li kulma jmur qiegħda dejjem tixjieħ, huwa importanti ħafna li jitnedew inizjattivi u finanzjament immirati għal dan l-għan.

## 2. **Introduzzjoni**

2.1. Fil-qafas tal-proċess ta' integrazzjoni, it-Trattat ta' Lisbona jipprevedi ċerti valuri li huma komuni għall-UE u l-Istati Membri tagħha. Dawn il-valuri supremi huma d-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għall-minoranzi.

It-Trattat ta' Lisbona jagħti lill-UE s-setgħat biex tippromovi l-aspetti Ewropej tal-isport (Artikolu 165 tat-TFUE). Hemm bżonn li d-dimensjonijiet differenti tal-isport – soċjali, ekonomiċi u kulturali – jiġu indirizzati mil-lat ta' kif dawn jorbtu mal-valuri mnaqqxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, li jipprevedu impenn ċar min-naħa tal-istituzzjonijiet u l-Istati Membri biex, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, jaġixxu bil-għan li jippromovu politiki, standards u miżuri biex jiżviluppaw l-aspetti Ewropej tal-isport.

2.2. L-għan ta' din l-Opinjoni fuq inizjattiva proprja huwa li tipprova xxerred il-potenzjal tal-valuri Ewropej u l-valuri tal-isport, inkluż l-isport tax-xitwa, għaċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet soċjali kollha, u tippromovi politika tal-isport tal-Unjoni, minħabba li s'issa d-deċiżjonijiet ġudizzjarji dwar dan is-suġġett kienu sporadiċi, u normalment marbuta mal-eżerċitar tal-libertajiet ekonomiċi.

2.3. Fl-antik, il-filosofija Griega klassika diġà kienet tiddistingwixxi bejn l-attività tal-ġisem u tal-moħħ, l-ispirtu "Olimpiku" jkun l-iżvilupp ta' dawn l-ideat li fosthom, b'mod fundamentali, kien hemm l-etika u l-promozzjoni tal-paċi.

Il-kontribut tal-isport għall-għanijiet Ewropej u dinjija tal-Istrateġija Ewropa 2020 huwa importanti, minħabba l-kontribut sinifikanti li dan is-settur jista' jagħmel għat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

## 3. **Il-funzjoni soċjali tal-isport**

3.1. Sabiex tiġi garantita l-funzjoni soċjali tal-isport, l-Istati Membri għandu jkollhom infrastrutturi adegwati li jiffaċilitaw il-prattika tal-isport, filwaqt li fit-territorji rispettivi tagħhom għandu jkun hemm netwerk bażiku, adegwat, suffiċjenti u bilanċjat ta' faċilitajiet sportivi u tagħmir sportiv.

3.2. Il-volontarjat qed ikompli jkun il-pedament tal-isport fl-Ewropa, peress li huma l-voluntiera li jippermettu l-iżvilupp u t-tixrid tal-ideali sportivi, flimkien mal-organizzazzjonijiet sportivi mingħajr skop ta' qligħ. F'dan ir-rigward għandu jiġi nnotat ir-rwol li jaqdu l-iskejjel fit-tixrid tal-valuri Olimpiċi, peress li dawn jippromovu l-paċi u l-armonija fl-isport, waqt li jippreżervaw il-koeżistenza u l-integrazzjoni f'soċjetà demokratika u pluralista, kif ukoll il-valuri umani li huma identifikati bl-isport u li huma involuti fil-qerda tal-vjolenza, ir-razziżmu, l-intolleranza u l-ksenofobija fl-isport.

3.2.1. Hemm bżonn li l-organizzazzjonijiet sportivi japplikaw il-prinċipji tal-governanza tajba. Dawn għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji tat-trasparenza, ir-responsabbiltà u d-demokrazija. Barra minn hekk, huma għandhom jirrappreżentaw il-partijiet interessati kollha fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, inklużi s-sapporters li, b'mod ġenerali, jippromovu l-prinċipji tal-fair play. Għandu jkun hemm riflessjoni dwar il-possibbiltà li jiġu imposti rekwiżiti ta' trasparenza aktar stretti meta l-attivitajiet ikunu ffinanzjati bi flejjes pubbliċi.

3.2.2. Il-KESE jikkunsidra li għandha titqies il-possibbiltà li tittieħed azzjoni koordinata kontra dawn il-fenomeni mhux mixtieqa – bħall-korruzzjoni fir-riżultati sportivi, id-doping jew il-vjolenza – abbażi mhux biss tal-kompetenzi tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikoli 6 u 165 tat-TFUE, iżda wkoll dawk li jirrigwardaw l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u kwalunkwe kompetenza oħra li tista' tkun meħtieġa sabiex jiġu adottati miżuri sovranazzjonali li jista' jkollhom effett dissważiv reali.

3.2.3. Dawn il-miżuri għandu jkollhom l-għan li jiżguraw livell għoli ta' sigurtà. Huma jistgħu, pereżempju, jinkludu miżuri mmirati lejn l-iżgurar ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-pulizija (Europol) u dawk ġudizzjarji (Eurojust) u awtoritajiet kompetenti oħra, li fosthom għandu jkun hemm il-federazzjonijiet sportivi.

3.3. Il-promozzjoni tal-attività fiżika u l-prattika tal-isport hija fattur determinanti biex tiġi protetta s-saħħa pubblika f'soċjetà moderna. Ta' min jinnota li l-prattika tal-isport tippromovi stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja, b'tali mod li jiġu sfruttati bis-sħiħ l-opportunitajiet tal-isport u b'hekk jitnaqqas l-infiq fis-settur tas-saħħa.

3.4. L-azzjoni istituzzjonali tal-UE b'rabta mal-isport ingħatat spinta sinifikanti permezz tad-dibattitu pubbliku dwar l-hekk imsejħa "dimensjoni Ewropea tal-isport", l-inklużjoni tal-isport fil-programm Erasmus+ u l-azzjonijiet strateġiċi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-isport, fost oħrajn. Kull sena jiġu diskussi l-prijoritajiet ta' dan il-programm, u għalhekk il-KESE jappella li għall-valutazzjoni li jmiss jitqiesu l-kummenti mniżżlin f'din l-Opinjoni.

3.4.1. Din l-azzjoni istituzzjonali għandha tissaħħaħ billi jiġu adottati l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-valur miżjud u l-aspetti pożittivi tal-isport indiġenu, tradizzjonali u li jkollu għeruq profondi fil-livell lokali bħala prova tad-diversità kulturali u storika tal-Unjoni, liema diversità għandha tiġi promossa u tinxtered.

3.4.2. Abbażi tal-programm Erasmus + imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni għandha tipprovdi valutazzjoni ċara tal-impatt tal-inklużjoni tal-isport f'dan il-programm, speċjalment fir-rigward tal-kisba tal-objettivi dwar ħiliet u impjiegi ġodda u ż-żgħażagħ.

3.5. Sabiex jiġi żgurat li l-isport jikkontribwixxi għall-konsolidazzjoni u l-iżvilupp tal-valuri Ewropej, huwa meħtieġ li jiġu adottati u implimentati miżuri li jikkoordinaw, jikkomplementaw jew jappoġġjaw, maħsuba biex jipproteġu dawn il-valuri Ewropej, speċjalment dawk immirati lejn il-protezzjoni tad-dinjità tal-bniedem, kif ukoll xi aspetti tal-edukazzjoni tal-persuni li l-integrazzjoni ġusta tagħhom hija essenzjali għall-funzjonament tajjeb tad-demokrazija u l-istat tad-dritt. Dan l-approċċ jista' jissaħħaħ permezz tal-messaġġ ta' "fair play" li jagħti l-isport, li jittrasmetti parti kbira mill-valuri Ewropej lis-soċjetà.

Daqstant importanti hija d-dimensjoni Ewropea tal-isport biex tgħin jintlaħqu wkoll mill-punti ta' riferiment għall-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa. Pass importanti jkun il-ħolqien u l-użu ta' materjal edukattiv għat-taħriġ tal-mexxejja tal-isports kif ukoll tal-ġenituri bil-għan li jitnaqqsu l-isterjotipi tas-sessi u tiġi promossal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-isport, kif ukoll biex jiġi promoss bilanċ dejjem akbar fir-rappreżentanza taż-żewġ sessi fuq il-bordijiet tad-diretturi u l-kumitati sportivi. F'dan il-kuntest jitqies bħala pass rilevanti ħafna t-tfassil ta' karta tal-aħjar prattiki fl-iżvilupp taż-żgħażagħ u l-protezzjoni fl-isport ([2]).

3.6. Il-prattika tal-isport, individwalment u kollettivament, tista' tkun sors leġittimu għall-ħolqien tal-impjiegi, il-ġid u l-benessri. L-użu tajjeb tal-isport għandu rwol importanti ħafna x'jaqdi llum jekk irridu nġġieldu l-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-esklużjoni soċjali. B'mod partikolari, għandha tissemma s-sitwazzjoni tal-atleti li jibdew karriera oħra, wara li jkunu abbandunaw l-isport kompetittiv ta' livell għoli u li jeħtieġu jippreparaw ruħhom b'mod speċifiku għal dan l-istadju ta' ħajjithom (karriera doppja). Għall-iżvilupp xieraq ta' dawn iż-żgħażagħ jinħtieġu r-rikonoxximent u l-ekwivalenza tad-diplomi u l-kwalifiki fl-isport. Dan l-aħħar estrem huwa importanti sabiex isir tentattiv biex tintemm l-ekonomija moħbija li tista' teżisti f'dan is-settur u din tiġi legalizzata fil-futur.

---

([2]) Din kienet waħda mill-konklużjonijiet prinċipali tas-Summit interreġjonali dwar il-politika tal-isport (Lisbona, 16 u 17 ta' Marzu 2015), li laqqa' flimkien il-maġġoranza tal-partijiet interessati globali prinċipali fid-definizzjoni ta' politiki dwar l-isport.

3.6.1. Ikun utli li tittieħed deċiżjoni dwar kif jistgħu jintużaw il-mekkaniżmi finanzjarji Ewropej sabiex l-isport jiġi promoss bħala għodda li jħeġġeġ l-integrazzjoni soċjali u l-impjieg taż-żgħażagħ, l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-innovazzjoni, il-ħolqien ta' netwerks ta' organizzazzjonijiet li jiddefendu l-integrazzjoni mill-ġdid fis-soċjetà u għanijiet oħra ta' interess pubbliku.

Sabiex tiġi miġġielda l-esklużjoni soċjali u bħala mezz ta' integrazzjoni mill-ġdid, l-isport huwa mezz xieraq li jqarreb lill-persuni lejn valuri li jsaħħu l-iżvilupp personali u soċjali, b'impatt fuq is-saħħa u l-edukazzjoni tagħhom. Fil-livell Ewropew għandhom jiġu promossi l-koeżjoni soċjali u l-integrazzjoni soċjali tal-persuni, inklużi dawk tal-persuni mċaħħda mil-libertà, li jistgħu jsibu fl-isport strument għall-integrazzjoni mill-ġdid fis-soċjetà, peress li jagħtihom benessri emozzjonali u jipprovdi sors ta' koeżjoni u stabbiltà permezz tal-valuri tiegħu ta' sforz, solidarjetà u, fl-aħħar mill-aħħar, tal-fair play.

3.6.2. Għandu jinħoloq netwerk ta' organizzazzjonijiet li jiddefendu l-koeżjoni soċjali u l-integrazzjoni mill-ġdid fis-soċjetà permezz tal-isport, speċjalment dak li jintlagħab b'mod wiesa', b'tali mod li jkun hemm skambju tal-aħjar prattiki bbażati fuq il-valuri Ewropej imħaddna fit-Trattati, bl-organizzazzjoni ta' Kungress Ewropew ta' prattiki innovattivi ta' integrazzjoni mill-ġdid fis-soċjetà permezz tal-isport, ta' kompetizzjonijiet fil-livell tal-Unjoni Ewropea u l-pubblikazzjoni u t-tixrid tar-riżultati ta' tali netwerks.

3.7. Wieħed mill-kompiti istituzzjonali tal-Unjoni assoċjati mal-ġlieda kontra l-inugwaljanza huwa it-tneħħija tal-ostakli li jimpedixxu lill-persuni b'diżabilità milli jieħdu sehem fl-isport, il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tagħhom f'kompetizzjonijiet u l-qerda ta' kull forma ta' preġudizzju soċjali f'dan ir-rigward.

Ikun pass pożittiv kieku l-Kummissjoni kellha tipproponi li l-Kunsill tal-Ministri jfassal “Kodiċi Ewropew ta' prattiki tajba dwar l-isport u l-inklużjoni soċjali”.

3.7.1. L-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità għandha tiġi promossa permezz ta' avvenimenti sportivi bil-għan li titjieb il-kwalità tal-ħajja u jiġu żviluppati l-abitudnijiet soċjali tal-persuni b'diżabilità u tal-familji tagħhom. Għal din ir-raġuni, l-isport mhux biss huwa abitudni b'saħħitha iżda wkoll itejjeb u jsaħħaħ il-mobilità ta' dawn il-persuni u jippermettilhom jiżviluppaw l-abbiltà tagħhom li jieħdu d-deċiżjonijiet u jrawmu ħbiberiji u jaħdmu fi gruppi.

3.7.2. Sabiex jiġi promoss l-isport paraolimpiku jew ta' livell għoli għall-persuni b'diżabilità u b'hekk jiżdied il-livell ta' għarfien fost iċ-ċittadini, hemm bżonn li l-awtoritajiet pubbliċi jimplimentaw strateġija ta' komunikazzjoni fid-dawl tal-Logħob Paraolimpiku u avvenimenti internazzjonali oħra ta' livell għoli, billi jintużaw il-mezzi u l-professjonisti meħtieġa, li jwasslu għal kopertura televiżiva ta' kwalità għolja tal-Logħob Paraolimpiku, li tfisser numru sostanzjali ta' sigħat ta' xandir fl-aktar ħinijiet li matulhom ikun hemm udjenza.

3.7.3. Id-dispożizzjonijiet li jadattaw il-qafas leġislattiv nazzjonali għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità jsegwu l-istess għanijiet u jistabbilixxu l-“aċċessibbiltà u d-disinn għal kulħadd” bħala l-għodod li għandhom jintużaw saiex jinbidlu u jinħolqu ambjenti li jippermettu l-parteċipazzjoni sħiħa taċ-ċittadini.

3.7.4. Peress li wieħed mill-ostakli identifikati b'mod sistematiku meta jkunu qegħdin jiġu żviluppati programmi għall-promozzjoni tal-inklużjoni tal-persuni aktar anzjani u l-persuni b'diżabilità f'attività fiżika sportiva huwa n-nuqqas ta' taħriġ li għandhom id-diversi atturi involuti fil-proċess, huwa rakkomandat li jiġi pprovdut il-materjal meħtieġ sabiex jintlaħqu l-bżonnijiet ta' taħriġ tal-għalliema tal-edukazzjoni fiżika fl-iskejjel primarji u sekondarji u tal-coaches tal-isport sabiex jiżviluppaw attivitajiet sportivi f'ambjent inklużiv.

3.8. Il-proċess apparentament irriversibbli tat-tixjiħ tas-soċjetà Ewropea, akkumpanjat minn żieda kostanti fl-għomor tal-ħajja, jagħmilha indispensabbli li jiġu żviluppati inizjattivi u programmi mmirati għall-promozzjoni tal-isport u l-eżerċizzju fiżiku fost l-anzjani. Dan huwa qasam li intesa, fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, u jeħtieġ attenzjoni speċjali, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri.

## 4. **In-natura ekonomika tal-attività sportiva**

4.1. L-isport għandu dimensjoni ekonomika bbażata fuq l-attivitajiet ekonomiċi tal-prattika tal-isport u tal-professjoni, li jaffettwaw is-suq intern. L-isport għandu wkoll dimensjoni speċifika, abbażi ta' strutturi msejsa fuq il-volontarjat u l-funzjonijiet soċjali, edukattivi u kulturali tiegħu, b'kontribut sinifikanti għall-valuri pożittivi bħall-ispirtu sportiv, ir-rispett u l-inklużjoni soċjali.

Għalhekk, trid issir distinzjoni bejn l-interessi sportivi u dawk kummerċjali, u l-KESE jemmen li l-isport għandu jkun protett minn influwenza eċċessiva tal-ekonomija sabiex jippredominaw il-prinċipji u l-valuri tal-isport.

4.1.1. Din il-karatteristika speċifika tal-isport, minħabba l-aspetti uniċi u essenzjali tagħha, għandha titqies b'mod partikolari meta tiġi applikata l-leġislazzjoni tal-UE, fil-każijiet fejn l-UE tista' taġixxi b'mod aktar effettiv mill-Istati Membri u waqt li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà.

4.2. Fir-rigward tad-dimensjoni ekonomika tal-isport, għandha titqies ir-rabta speċjali bejn l-attivitajiet sportivi u d-drittijiet fundamentali.

4.2.1. Għalhekk, sabiex tiġi żgurata protezzjoni xierqa kontra l-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u, b'mod partikolari, kontra l-piraterija diġitali, li jpoġġu f'riskju l-ekonomija tal-isport, għandha tingħata konsiderazzjoni lill-miżuri li għandhom jiġu adottati, abbażi tal-prinċipju tal-proporzjonalità. Fi kwalunkwe każ għandu jkollhom preċedenza d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini li jirċievu l-informazzjoni sabiex għall-inqas jiġu garantiti d-dritt tal-pubbliku li jikseb u jirċievi l-aħbarijiet, it-tixrid tal-avvenimenti importanti ħafna u d-dritt tal-ġurnalisti li jinfurmaw.

4.2.2. Jeżistu oqsma oħra bħall-politika tal-kompetizzjoni, speċifikament l-għajnuna mill-Istat, fejn tkun idea tajba li jiġu adottati linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat bil-għan li tiġi ċċarata liema għajnuna hija meqjusa leġittima sabiex jinkisbu l-għanijiet soċjali, kulturali u edukattivi tal-isport.

4.2.3. L-imħatri sportivi onlajn fi swieq mhux regolati, speċjalment l-imħatri illegali, jirrappreżentaw waħda mit-theddidiet ewlenin għall-isport. L-effetti negattivi tagħhom huma komparabbli ma' dawk tad-doping u l-vjolenza tal-ispettaturi u jistgħu jwasslu għat-tbagħbis minħabba n-natura inċerta tal-kompetizzjonijiet sportivi. Fir-rigward ta' aspetti oħra, bħalma huma l-imħatri u l-logħob tal-azzard, hemm bżonn li jiġu adottati miżuri ta' interess ġenerali biex jiġi evitat il-vizzju tal-logħob tal-azzard u jiġu protetti l-minorenni, speċjalment kontra l-logħob tal-azzard onlajn.

4.2.4. L-isport għandu inċentiv intrinsiku u inerenti li jimbotta lill-parteċipanti sabiex kontinwament itejbu l-prestazzjoni tagħhom u jfittxu l-eċċellenza. Dan iwassal biex is-settur tal-isport ikun ikkaratterizzat minn innovazzjoni kontinwa li għamlet lit-teknoloġija tal-isport settur sinifikanti fi ħdan ix-"xjenzi applikati", bħat-teknoloġija tat-tessuti, il-mekkanika taċ-ċaqliq uman, il-materjali ġodda, is-sensuri, l-azzjonaturi u d-disinn orjentat lejn il-bniedem b'mod partikolari. Il-bini u l-operat ta' faċilitajiet sportivi kif ukoll il-parteċipazzjoni u l-attendenza f'avvenimenti sportivi qed isiru parti importanti mill-ekonomija tal-esperjenzi, li l-iżvilupp tat-turiżmu tal-isports huwa wkoll eżempju tagħha.

4.2.5. Temi oħra relatati ekonomikament mal-isport, bħall-moviment liberu tal-persuni u servizzi, il-ftehimiet ta' sponsorizzazzjoni, ir-regolazzjoni tal-attivitajiet tal-aġenti tal-plejers, l-assigurazzjoni tal-isport u tas-saħħa, il-programmi edukattivi għall-isportivi nisa u rġiel u l-kwalifiki professjonali marbuta mal-isport, għandhom jiġu evalwati u, jekk ikun hemm bżonn, il-Kummissjoni għandha tadotta jew tipproponi miżuri.

4.2.6. Fir-rigward tat-taħriġ vokazzjonali tal-coaches żgħar fl-età, jeħtieġ li jitjiebu r-regoli fl-Istati Membri differenti tal-UE, waqt li jitqies li l-attività ta' coach tista' titqabbel ma' dik ta' għalliem u li, f'xi każijiet (pereżempju, bi tħejjija għall-kompetizzjonijiet sportivi), il-coach iqatta' ħafna aktar ħin ma' żgħażagħ sportivi milli l-għalliem mal-istudenti tiegħu. It-taħriġ tal-coaches għandu jitwettaq f'kuntest formali u jiġi rikonoxxut fil-livell tat-tagħlim b'diploma maħruġa mill-Istat.

4.2.7. Il-KESE jitlob li l-federazzjonijiet sportivi Ewropej jiġu involuti fil-protezzjoni tal-valuri u l-prinċipji li jinsabu f'din l-Opinjoni, u jispera li l-prestazzjoni tagħhom fl-oqsma kollha ssir abbażi tal-istess valuri u prinċipji, fi kwalunkwe każ, anke fl-attivitajiet li jikkonsistu biss fl-għoti ta' premjijiet u rikonoxximenti pubbliċi.

Brussell, it-2 ta' Lulju 2015.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Henri MALOSSE